# IL-MEWT TA' IBNI

*Ma niflaħx inliġġem aktar*
*Dan l-uġigħ li jmewweġ fija.*
*Inħoss qalbi ġewwa sidri*
*Lejl u nhar tħabbat mifnija,*
*Għax min kien il-hena tiegħi*
*Tbiegħed ħesrem minn ġo driegħi*
*Qalb is-siġar taċ-ċipress.*

*Gardell ħlejju, fittex sikket*
*Dawk l-għanjiet ta' sliem u ferħ.*
*Taħseb qatt li f'moħħi mdallam*
*Sejjer tnissel dawl ta' serħ,*
*Għax kun af li l-għaxqa tiegħi*
*Bikri nfired minn ġo driegħi*
*Qalb is-siġar taċ-ċipress.*

*X'jiswa billi naqbad triqti*
*Lejn is-seħer tal-ħolqien,*
*Jekk kull fejn indawwar ħarsti*
*Nilmaħ dwejjaq kullimkien.*
*Għax min kien is-sabar tiegħi*
*Issa nfired minn ġo driegħi*
*Qalb is-siġar taċ-ċipress.*

30. X. 46. — GORĠ CHETCUTI.